



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Marzu 2022
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0375(COD)**

7179/22
ADD 1

LIMITE

AG 27
INST 74
PE 20
FIN 331
DATAPROTECT 69
DISINFO 20
FREMP 60
CODEC 287

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6686/22 + COR 1
Nru dok. Cion:	14386/21 + Addendum 1 à 4
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni) - Approċċ ġenerali parzjali = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija taqbel mal-kompromess tal-Presidenza Franċiża għal mandat tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Tabilħaqq huwa ta' pjaċir għalina li naraw il-qbil tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tal-politika Ewropeja minn influwenzi barranin u dwar ir-rispett tal-kompetenza tal-Istati Membri rigward ir-referenda nazzjonali. Permezz tal-isforzi li saru fil-livell ta' grupp ta' ħidma, il-Kunsill seta' jirfina t-test u indirizza l-kwistjonijiet li ħarġu mill-proposta tal-Kummissjoni f'termini ta' sussidjarjetà u t-tqassim tal-kompetenzi. Madankollu, l-Ungerija hija tal-fehma li l-ħidma tal-Kunsill fil-formulazzjoni tal-pożizzjoni tiegħu tiġi ffaċilitata bil-kbir li kieku l-proposta tal-Kummissjoni tat aktar attenzjoni lill-konformità tad-dispożizzjonijiet maħsuba għall-prinċipji bbażati fuq it-Trattat.

Minkejja l-approċċ ġeneralment pożittiv għat-test, l-Ungerija tqis li bl-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet għall-partiti nazzjonali, il-mandat propost tal-Kunsill ma jikkonformax mat-tqassim tal-kompetenzi, u b'hekk jintervjeni f'qasam li huwa kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Il-pożizzjoni tagħna tibqa' soda dwar il-fatt li r-regolamentazzjoni tal-partiti nazzjonali hija dritt mhux kondiviż tal-Istati Membri, u b'hekk din il-konsiderazzjoni hija għalina fundamentali fl-interpretazzjoni tal-mandat tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Il-Polonja tifhem il-formulazzjoni "bilanċ bejn il-ġeneri" bħala li tirreferi għar-rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
